Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2025/2169(INI)

27.1.2026

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar is-sitwazzjoni ġeopolitika li qed tinbidel fl-Asja tal-Lvant u l-ħtieġa ta' kooperazzjoni eqreb mas-sħab tal-istess fehma fir-reġjun
(2025/2169(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Adam Bielan

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 9

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar is-sitwazzjoni ġeopolitika li qed tinbidel fl-Asja tal-Lvant u l-ħtieġa ta' koooperazzjoni eqreb mas-sħab tal-istess fehma fir-reġjun
(2025/2169(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Europea,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-16 ta' Settembru 2021 bit-titolu "L-Istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku" (JOIN(2021)0024),

– wara li kkunsidra l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża approvata mill-Kunsill fil-21 ta' Marzu 2022, li tenfasizza r-rwol tas-sħubijiet għas-sigurtà u r-reżiljenza tal-Unjoni, inkluż fl-Indo-Paċifiku,

– wara li kkunsidra s-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun tal-1 ta' Novembru 2024,

– wara li kkunsidra s-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea tal-4 ta' Novembru 2024,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra[1],

– wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra[2],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta adottata fit-30 Summit bejn UE u l-Ġappun li sar f'Tokyo fit-23 ta' Lulju 2025,

– wara li kkunsidra t-42 laqgħa interparlamentari UE-Ġappun, li saret f'Tokyo fit-28 u d-29 ta' Mejju 2025,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta adottata fl-10 Summit bejn UE u r-Repubblika tal-Korea li sar f'Seoul fit-22 ta' Mejju 2023,

– wara li kkunsidra t-23 laqgħa interparlamentari UE-Repubblika tal-Korea, li saret fi Brussell fit-18 ta' Novembru 2025,

[1] ĠU L 216, 24.8.2018, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2018/1197/oj.
[2] ĠU L 20, 23.1.2013, p. 2.

– wara li kkunsidra r-raba' forum ministerjali UE-Indo-Paċifiku, li sar fi Brussell fl-20 u l-21 ta' Novembru 2025,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2022 dwar l-UE u l-isfidi tas-sigurtà fl-Indo-Paċifiku[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar ir-relazzjonijiet UE-Ġappun[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2026 dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2025[5],

– wara li kkunsidra l-pożizzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar il-kooperazzjoni Indo-Paċifika, inklużi s-sejħiet għall-ħidma ma' sħab tal-istess fehma biex jiġu rispettati l-libertà tan-navigazzjoni u l-istabbiltà fl-Istrett tat-Tajwan u fil-Baħar taċ-Ċina tal-Lvant u fil-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 121 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A10-0000/2025),

A. billi l-Asja tal-Lvant u l-Indo-Paċifiku usa' huma kruċjali għall-prosperità u s-sigurtà globali, peress li jospitaw rotot marittimi vitali, ekosistemi tat-teknoloġija avvanzata, rotot kummerċjali ewlenin, aktar minn nofs il-popolazzjoni tad-dinja, u ktajjen tal-provvista kritiċi essenzjali għar-reżiljenza ekonomika u l-influwenza ġeopolitika tal-UE;

B. billi x-xenarju ġeopolitiku tal-Asja tal-Lvant sar dejjem aktar volatili f'dawn l-aħħar snin, u d-dinamika tal-poter reġjonali qed tissawwar dejjem aktar minn rivalità sistemika, tilwim marittimu, prattiki ekonomiċi koerċittivi u tisħiħ tal-forzi militari li jisfidaw l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli;

C. billi l-isfidi tas-sigurtà dejjem aktar kumplessi għandhom impatt profond fuq l-istabbiltà u l-prosperità kemm tal-Ewropa kif ukoll tal-Indo-Paċifiku, bl-istabbiltà taż-żewġ reġjuni aktar interkonnessa minn qatt qabel; billi t-tnejn huma affettwati direttament mill-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja u mill-appoġġ ta' pajjiżi terzi li qed jabilitaw l-aggressjoni Russa;

D. billi l-interessi tal-UE huma protetti l-aħjar billi tiġi approfondita l-kooperazzjoni prattika ma' sħab tal-istess fehma fir-reġjun – b'mod partikolari l-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan – u billi l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) tiġi involuta bħala attur ċentrali ta' din il-kooperazzjoni;

E. billi s-sħubija strateġika bejn l-UE u l-Ġappun isservi ta' mudell għal kooperazzjoni bilaterali effettiva li ssaħħaħ it-tfassil tal-politika f'fora multilaterali; billi d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Ġappun fl-1 ta' Jannar 2025, jippermetti kollaborazzjoni aktar profonda, inkluż f'oqsma bħas-sigurtà u d-difiża, is-

[3] ĠU C 493, 27.12.2022, p. 32.
[4] ĠU C, C/2024/4167, 2.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4167/oj.
[5] Testi adottati, P10_TA(2026)0012.

sigurtà marittima, iċ-ċibersigurtà, l-ispazju u n-nonproliferazzjoni, flimkien ma' sforzi konġunti tanġibbli fl-ambitu tas-Sħubija Diġitali u d-Djalogu dwar l-Enerġija;

F. billi r-relazzjoni komprensiva bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea, alleat ewlieni tal-Indo-Paċifiku, tkopri d-djalogu politiku, il-kummerċ u l-kooperazzjoni fis-sigurtà; billi s-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea tipprovdi qafas strutturat għall-involviment fl-oqsma kollha tas-sigurtà; billi r-Repubblika tal-Korea għandha rwol ċentrali fl-istabbiltà reġjonali;

G. billi t-Tajwan huwa sieħeb demokratiku ewlieni għall-UE fir-reġjun tal-Asja tal-Lvant; billi l-White Paper għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030 tesprimi tħassib dwar il-koerċizzjoni taċ-Ċina kontra t-Tajwan permezz tal-intensifikazzjoni ta' miżuri politiċi, ekonomiċi, militari u ċibernetiċi; billi l-paċi u l-istabbiltà fl-Istrett tat-Tajwan huma essenzjali għas-sigurtà u l-prosperità globali;

H. billi l-preżenza tal-UE fir-reġjun tal-Asja tal-Lvant hija tal-akbar importanza għat-trawwim tal-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun, għas-salvagwardja tas-sigurtà ekonomika u għat-tisħiħ tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli peress li l-isfidi tas-sigurtà fir-reġjun għandhom implikazzjonijiet diretti għall-paċi globali u l-interessi tal-UE;

1. Jirrakkomanda li l-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà:

   (a) jintensifikaw il-fokus strateġiku, il-preżenza, il-viżibbiltà u l-azzjonijiet tal-UE fl-Asja tal-Lvant bl-għan li jikkontribwixxu għall-istabbiltà, is-sigurtà, il-prosperità u l-iżvilupp sostenibbli konġunti, mirfuda bil-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali;

   (b) japprofondixxu l-kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma fir-reġjun, b'mod partikolari l-Ġappun, ir-ROK u t-Tajwan, biex jindirizzaw sfidi komuni f'oqsma bħaċ-ċibersigurtà, it-theddid ibridu inkluż il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, is-sigurtà marittima u spazjali, in-nonproliferazzjoni, u t-teknoloġiji emerġenti tad-difiża, inkluż l-avvanz tat-teknoloġija tad-droni, filwaqt li jsaħħu s-sinerġiji ma' sħab ewlenin u organizzazzjonijiet reġjonali b'rispett sħiħ tal-Karta tan-NU;

   (c) jiżviluppaw il-Ftehim ta' Sħubija Strateġika UE-Ġappun u s-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża tal-partijiet; jinkoraġġixxu kollaborazzjoni aktar profonda dwar kwistjonijiet tal-industrija tad-difiża, inkluż l-involviment reċiproku f'inizjattivi ta' difiża, il-progress fi ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, u l-iżvilupp ulterjuri tad-Djalogu dwar l-Industrija tad-Difiża bejn l-UE u l-Ġappun biex jissaħħu r-reżiljenza, l-interoperabbiltà u l-innovazzjoni tal-katina tal-provvista; jintensifikaw attivitajiet konġunti konkreti taħt is-Sħubija Diġitali u d-Djalogi dwar l-Enerġija;

   (d) javvanzaw l-implimentazzjoni tas-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea, irawmu kooperazzjoni prattika fis-sigurtà marittima, in-nonproliferazzjoni, iċ-ċibersigurtà, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ġestjoni tal-kriżijiet, filwaqt li jibnu fuq operazzjonijiet konġunti eżistenti u jesploraw aktar

involviment skont l-għodda ta' Preżenzi Marittimi Koordinati tal-UE; ivaraw djalogu konġunt bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea dwar l-industrija tad-difiża, u jsaħħu il-koordinazzjoni f'fora multilaterali biex jiddefendu l-paċi, jiskoraġġixxu l-provokazzjonijiet u jippromwovu d-denukleariżżazzjoni;

(e) javvanzaw l-isforzi konġunti ma' sħab tal-istess fehma fl-Asja tal-Lvant biex jindirizzaw l-involviment dejjem jikber tar-Russja mar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK), filwaqt li jissottolinjaw li dan l-involviment jaggrava l-ambjent ġeopolitiku mimli tensjoni fil-Peniżola Koreana;

(f) iħeġġu lir-Russja u lir-RDPK jikkonformaw bis-sħiħ mal-Karta tan-NU u mar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u jwaqqfu minnufih l-azzjonijiet u l-provokazzjonijiet militari kollha, u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet nukleari u tal-missili fil-Peniżola Koreana; jesprimu tħassib serju dwar l-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi tar-RDPK, inkluż is-serq tal-kriptovaluti; jikkundannaw il-kontribut tar-RDPK għall-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż l-involviment tagħha permezz tad-dispaċċ ta' persunal militari lejn it-territorji Ukreni;

(g) jistabbilixxu qafas ta' kooperazzjoni ddedikat bejn l-UE u t-Tajwan iffukat fuq is-semikondutturi, ir-reżiljenza ċibernetika, il-kontromiżuri tad-diżinformazzjoni, is-saħħa pubblika, il-protezzjoni ċivili u l-konnettività sigura; ikomplu jappoġġjaw il-parteċipazzjoni sinifikattiva tat-Tajwan fil-korpi internazzjonali u l-fora tekniċi rilevanti, bħall-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima; jintensifikaw skambji regolari bejn l-UE u l-kontropartijiet Tajwaniżi tagħha dwar kwistjonijiet rilevanti ta' sigurtà;

(h) jaffermaw mill-ġdid l-importanza tal-paċi u l-istabbiltà fl-Istrett tat-Tajwan billi jirrifjutaw kwalunkwe bidla unilaterali koerċittiva tal-istatus quo;

(i) jaċċelleraw il-kooperazzjoni billi jinnegozjaw ftehimiet u inizjattivi trilaterali jew kwadrilaterali dwar kwistjonijiet ta' interess komuni; javvanzaw is-Sħubijiet Diġitali eżistenti bejn l-UE u l-Ġappun u bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea b'impenji kondiviżi dwar l-intelliġenza artifiċjali, is-semikondutturi, il-konnettività tal-ġenerazzjoni li jmiss, il-computing kwantistiku, il-governanza tad-data, iċ-ċibersigurtà, il-kejbils sottomarini, l-identità diġitali u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista;

(j) jappoġġjaw ir-rabtiet bejn il-persuni permezz ta' skemi ta' mobbiltà għar-riċerkaturi, l-inġiniera u l-professjonisti taċ-ċibersigurtà, u ġemellaġġ bejn iċ-ċentri tal-innovazzjoni Ewropej u tal-Asja tal-Lvant;

2. Jistenna bil-ħerqa li japprofondixxi d-diplomazija parlamentari u l-iskambju interparlamentari dwar punti ta' interess reċiproku mad-Diet tal-Ġappun, l-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Korea, u l-Yuan Leġiżlattiv tat-Tajwan;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Ġappun, tal-Repubblika

tal-Korea u tat-Tajwan, u lis-segretarjat u lill-istati membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja.

NOTA SPJEGATTIVA

Din ir-rakkomandazzjoni twieġeb għas-sitwazzjoni ġeopolitika li qed tinbidel malajr fl-Asja tal-Lvant u l-ambjent ta' sigurtà volatili tagħha, imsawra minn rivalità sistemika, tensjonijiet marittimi, prattiki ekonomiċi koerċittivi u tisħiħ tal-forzi militari li jisfidaw l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli.

Tenfasizza l-interdipendenza dejjem tikber bejn l-iżviluppi tas-sigurtà fl-Asja tal-Lvant u l-Ewropa. Ir-reġjun huwa ċentrali għall-prosperità u s-sigurtà globali, peress li jinkludi rotot marittimi vitali, ekosistemi teknoloġiċi avvanzati, flussi kummerċjali ewlenin u ktajjen tal-provvista kritiċi li huma essenzjali għar-reżiljenza ekonomika u l-interessi ġeopolitiċi tal-UE.

Ir-rapport jissottolinja li l-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja, flimkien mal-appoġġ ipprovdut minn pajjiżi terzi, komplew jintensifikaw l-isfidi tas-sigurtà globali, filwaqt li saħħew il-ħtieġa ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib fost sħab tal-istess fehma.

Jagħti rakkomandazzjonijiet biex jissaħħaħ l-impenn strateġiku tal-UE fl-Asja tal-Lvant. Jenfasizza kooperazzjoni aktar profonda mal-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan fis-sigurtà u d-difiża, ir-reżiljenza ekonomika u t-teknoloġiji emerġenti inkluż permezz ta' Sħubijiet għas-Sigurtà u d-Difiża eżistenti.

Ir-rapport jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE għall-paċi u l-istabbiltà fl-Istrett tat-Tajwan, jirrifjuta kwalunkwe bidla unilaterali jew koerċittiva tal-istatus quo, u jenfasizza l-importanza tad-diplomazija parlamentari, l-iskambji bejn il-persuni u l-kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni biex tiġi appoġġjata l-kooperazzjoni strateġika fit-tul bejn l-UE u s-sħab tal-istess fehma fl-Asja tal-Lvant.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li fir-rapport tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom
Il-Missjoni tal-Ġappun għall-Unjoni Ewropea
L-Ambaxxata tal-Repubblika tal-Korea għall-Unjoni Ewropea
L-Uffiċċju Rappreżentattiv ta' Taipei għall-UE u l-Belġju

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).